ANNESS

Gwida għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni tal-Programmi tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, tista' tkompli tiżviluppa d-dettalji għall-miżuri ta' inklużjoni stabbiliti f'din id-Deċiżjoni fil-linji gwida ta' implimentazzjoni, sabiex jiġu elaborati u aġġornati matul il-ħajja tal-programmi tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà 2021–2027.

Il-gwida li ġejja tista' tiġi żviluppata u rfinata progressivament, bħala parti miċ-ċiklu tal-ħajja regolari tal-programm:

1. **Dokumenti ta' referenza tal-programm**: il-Kummissjoni tista' tipprovdi gwida lill-partijiet ikkonċernati dwar il-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni u diversità f'dokumenti bħas-sejħa għall-proposti u l-gwidi tal-programmi, fil-gwida għall-esperti li jevalwaw il-proposti tal-proġetti, kif ukoll fil-formoli tal-applikazzjoni, u f'dokumenti tekniċi oħra, bħall-Istrateġija għall-Inklużjoni u d-Diversità[1].
2. **L-attivitajiet fil-qafas tal-ġestjoni tal-aġenziji nazzjonali tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà:** Bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni perjodika tagħhom, l-aġenziji nazzjonali għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-impatt tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom fil-qasam tal-inklużjoni u d-diversità u kif dawn jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali tal-inklużjoni u diversità tal-Programmi fil-livell Ewropew.
3. **Materjali ta' Komunikazzjoni u linji gwida strateġiċi**: Minbarra d-dokumenti ta' referenza tal-programm, il-Kummissjoni tista' tiżviluppa dokumenti ta' gwida ulterjuri b'rakkomandazzjonijiet utli, stejjer li jkunu rnexxew u prattiki tajbin indirizzati għall-aġenziji nazzjonali tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni (EACEA), organizzazzjonijiet benefiċjarji u lill-parteċipanti potenzjali b'inqas opportunitajiet biex tappoġġa b'mod kwalitattiv l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni u diversità, u biex tqajjem kuxjenza dwar l-opportunitajiet differenti disponibbli. Dawn il-materjali u l-linji gwida għandhom jiġu żviluppati bħala kokreazzjoni flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-qasam.

Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-istrutturi ta' implimentazzjoni rilevanti, għandha tiżgura firxa wiesgħa ta' materjali msemmija fil-punt 3 tat-tieni subparagrafu. Dan għandu jsir permezz tas-siti web iddedikati, kanali tal-media soċjali u forom oħra ta' komunikazzjoni, bil-mira li tiġi żgurata viżibbiltà u titqajjem kuxjenza fost il-benefiċjarji u l-parteċipanti potenzjali b'inqas opportunitajiet, kif ukoll biex jiġi promoss l-involviment attiv ta' dawk il-benefiċjarji u l-parteċipanti potenzjali b'inqas opportunitajiet fil-proċess ta' kokreazzjoni ta' programmi tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà aktar inklużivi u diversi.

[1] https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/implementation-guidelines-erasmus-and-european-solidarity-corps-inclusion-and-diversity_mt